**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 23 ta' Mejju 2002**

**Numru 26**

**Avviz numru 689/02**

**Dereco Stores Limited gja Derek Cold Stores Ltd**

**vs**

**Lapsi Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm747.79 (seba mija u seba u erbghin lira Maltin u disa u sebghin centezmu) in kwantu ghall-Lm544.31 (hames mija u erba u erbghin lira Maltin u wiehed u tletin centezmu) rapprezentanti ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attrici lis-socjeta konvenuta u kwantu ghall-ammont ta' Lm203.48 (mitejn u tlett liri Maltin u tmienja u erbghin centezmu) rapprezentanti l-imghaxijiet li

iddekorrew fuq il-kont relatat mal-merkanzija imsemmija u kalkolata sal-31 ta' Marzu 2002.

Bl-ispejjez tal-avviz, tal-ittra interpellatorji tal-25 ta' Lulju 2001, tal-25 ta' Jannar 2002, tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Awissu 2001, u bl-imghax legali ulterjuri sal-effettiv pagament kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Ra n-nota ta' cessjoni tas-sorte fil-25 ta' April, 2001;

Sema' lil Dr Anthony Cutajar jikkonferma bil-gurament li l-ammont tal-ispejjes ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici limitatament ghall-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**